MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 109/2003

Avviz Nru 109/03DM

Charles u Miriam konjugi Fenech

VS

Eden Leisure Group Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija tmienja u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,568.80) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti paga ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru, 2001, sal-14 ta' Dicembru, 2001, kif ukoll 'bonuses', 'weekly allowance' u 'notice money' dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-atturi meta l-attur kien fl-impieg tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez , u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccipiet illi:

1. It-talba attrici hija preskritta bi trapass ta' sena mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg u dana a tenur tal-artikolu 2147 ( C ) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) liema perjodu preskrittiv huwa wiehed ta dekadenza ;
2. Bla pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni hija ukoll preskritta bi trapass ta' sena ai termini tal-artikolu 42 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt ;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-processi; u

Ikkunsidrat:-

Bl-ewwel zewg eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti qieghdin jecceppixxu il-preskrizzjoni ta' sena (1) kemm a tenur tal-Artikolu 2147 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll a tenur tal-Artikolu 42 (suppost 43) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-impjieg ta' l-attur mal-kumpanija konvenuta kien gie tterminat fl-14 ta' Dicembru, 2001, b'avviz ta' dakinhar stess u b'effett immedjat. Infatti l-ittra espedita lill-attur (a fol. 15 tal-process) tipprovdi illi '*l-impjieg tieghek attwali fit-taqsima 'maintanance' se jkun terminat b'effett immedjat*'.

Ghaldaqstant il-perjodu preskrittiv ta’ sena (1) beda jiddekorri b’effett mill-15 ta’ Dicembru, 2001.

Billi l-ahhar kuntatt li kellu l-attur ghall-kumpanija konvenuta, f-forma ta’ komunikazzjonijiet verbali jew bil-miktub, kien qabel l-ahhar tas-sena 2001, jirrizulta illi kienet lahqet skadiet is-sena mit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu meta gie pprezentat l-avviz fid-19 ta’ Frar, 2003.

Ghalhekk il-Qorti ser tara jekk kienx hemm xi cirkostanza illi setghet timplika xi nterruzzjoni tal-perjodu preskrittiv. F’dan ir-rigward l-attur jaghmel referenza ghall-proceduri mehudin mill-‘Labour Office’ fil-konfront tal-kumpanija konvenuta a tenur tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema proceduri, kif ukoll li jirrikonoxxu l-konvenuti, ghadhom pendenti, ossija kienu ghadhom pendenti meta giet intavolata l-kawza odjerna.

Billi dawn il-proceduri, ghalkemm ta’ natura kriminali, jimplikaw ukoll interess dirett tal-impjegat ossija ta’ l-attur, billi jwasslu ukoll ghal kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ pagi u salarji dovuti minnhom lill-attur, l-istess proceduri ghandhom jitqiesu bhala sufficjenti biex iservu ta’ interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv.

Infatti l-Artikolu 41 (4) jipprovdi illi ‘*il-Qorti ghandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni minbarra li taghti l-piena stabbilita fis-sub Artikolu ta’ qabel ta’ dan l-Artikolu, tordna l-hati, wara l-prova ta’ l-ammont, li jirrifondi jew ihallas lill-impjegat, jew lill-impjegati li jkunu, jew lill-apprendista, jew lill-apprendisti li jkunu skond il-kaz, l-imsemmi ammont dovut minnu u fil-kaz ta’ vakanzi bi hlas li ma jinghatawx somma daqs il-hlas dwarhom u kull ordni bhal dak tal-Qorti ghandu jkun ta’ l-istess forza u* ***effett u jkun esegwibbli bl-istess mod daqs li jkunu nghataw f’kawza Civili*** *bejn l-impjegat jew l-impjegati li jkunu, jew l-apprendist, jew l-apprendisti li jkunu skond il-kaz u l-principal*’.

Ghaldaqstant dawk il-proceduri, ghalkemm quddiem Qorti ta’ Gurisdizzjoni Kriminali ghandhom il-forza daqs ta’ kull att Gudizzjarju iehor billi bihom il-konvenuti f’din il-kawza

qed jigu interpellati, anzi pprocessati, sabiex jaghtu dak li hu dovut lill-impjegati taghhom u dik is-sentenza ghandha forza daqs li kieku tkun inghatat f'kawza Civili.

Ghaldaqstant issib illi billi jirrizulta illi fi zmien qabel l-gheluq ta' sena (1) mit-terminazzjoni ta' l-impjieg, il-konvenuti kienu diga' gew imressqa quddiem il-Qorti u nterpellati biex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas ta' hlasijiet ta' paga dovuta lill-attur, il-perjodu preskrittiv ta' sena (1) kien gie nterrott u kien ghadu ma ddekorriex mall-prezentata ta' l-avviz in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tirrespingi l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti dwar il-preskrizzjoni.

Fil-mertu jirrizulta li l-kwistjoni bejn il-kontendenti tirrigwarda biss jekk l-attur huwiex intitolat jew le illi jithallas kumpens ghal tmin (8) gimghat granet ta' xoghol bil-paga korrenti in vista tal-fatt illi, waqt li l-attur jippretendi kumpens totali fis-somma ta' elfejn, hames mija, tmienja u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,568.80) il-konvenuti qieghdin joffru disa' mija u sittax-il lira Maltin (Lm916) inqas kif jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Ian Decesare direttur tal-kumpanija konvenuta, ekwivalenti ghall-kumpens mitlub mill-attur ghall tmin gimghat 'notice '.

Waqt li l-attur jikkontendi illi l-kumpanija konvenuta kellha l-ewwel tikkumpensah ghal dak kollu li kien intitolat. imbaghad tghatih it-tmin (8) gimghat 'notice' b'ghazla esklussiva ghalih jekk jahdmux jew le, il-konvenuti jsosstnu illi, jekk fit-terminazzjoni ta' l-impieg l-attur kien ghadu m'utilizzax numru ta' granet 'leave' li ghalihom kien intitolat, huma kellhom id-diskrezzjoni illi jgieghlu lill-impjegat attur li jutilizza dawn il-granet 'leave' fil-perjodu tan-'notice'.

Pero' l-principal m'ghandux dik l-ghazla; id-dritt t'avviz li jrid jinghata lill-impjegat huwa stabbilit bis-subinciz 5 ta' l-Artikolu 34 tal-Kap 135, u fis-subinciz 9 ta' l-istess Kapitolu hemm stipulat x'inhi l-ghazla li ghandu l-principal,

li tikkonsisti esklussivament li l-principal jista' jaghzel **jew li jhalli lill-impjegat li jkompli jahdem sakemm iz-zmien ta' l-avviz jaghlaq, jew li jwaqqaf lill-impjegat mix-xoghol billi jhallsu somma li tkun daqs il-paga li jkun imissa tithallas dwar iz-zmien ta' l-avviz li ma jkunx ghalaq.**

Ghalhekk meta l-principal ikun ghazel illi jittermina l-impjieg ta' xi mpjegat tieghu, huwa fl-ewwel lok ghandu jillikwida dak kollu li jkun intitolat ghalih l-impjegat inkluz il-kumpens ghal granet 'leave' li mhux utilizzati u kull kumpens iehor illi jista' jkun intitolat ghalih l-impjegat sa dik il-gurnata li jintemm l-impjieg, **imbaghad wara** li jkun saldat kull ma kien dovut lill-impjegat jibda t-terminu ta' l-avviz skond kif jistipola l-Artikolu 34 (5).

Ghaldaqstant fil-kaz in ezami l-kumpanija konvenuta kellha fl-ewwel lok tillikwida dak kollu li kien dovut lill-impjegat, kompriz kumpens ghal dawk il-granet kollha 'leave' illi ma kienux gew utilizzati mill-attur, u in segwitu takkorda lill-attur impjegat tmin (8) gimghat avviz b'xelta tal-principal li jekk jaghzel illi l-impjieg ikun itterminat b'effett immedjat huwa jhallas kumpens ghal tmin (8) gimghat bil-paga korrenti, ghaz-zmien ta' l-avviz li ghalih huwa intitolat l-attur.

Infatti il-ligi timponi zmien ta' avviz f'kaz ta' terminazzjoni ta' impjieg sabiex, kemm l-impjegat u kemm il-principal fil-perjodu ta' l-avviz, ikunu jistghu jaghmlu r-ricerki taghhom biex isibu mpjieg alternattiv minghajr ebda telf ta' qliegh fil-perjodu sakemm ikun qed jigi ricerkat impjieg iehor.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenuti mhumiex gustifikati illi minflok l-avviz dovut lill-attur u minflok kumpens ghal zmien ta' avviz, jikkompensaw lill-attur billi jimponulhu numru ta' granet 'leave' minflok il-kumpens stabbilit mill-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn, hames mija u tmienja u sittin lira Maltin u tmenin

centezmu (Lm2,568.80) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-19 ta' Frar, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------